# IL-GHANJA TAT-TLETIN

*Ta'* Marċell Mizzi

Jum wara jum u sena wara sena
għaddej iż-żmien u bdejt inħares lura
nibki l-imgħoddi, quddiem — baħħ bla sura,
għada bħall-bieraħ, xejn fuq xejn jintena.

Nistenna bħal nassab moħbi fid-dura
jinqabdu ġewwa x-xbiek il-ferħ u l-hena:
il-qalb b'nofs tama w jies maqtugħ tinfena
tistenna l-mistednin u ħadd ma jżurha.

Donni ma rridx immut u xbajt mill-ħajja,
nisħet twelidi w ingħid *Alla tani*,
għax waqtiet nagħraf illi ħlejt li kelli.

Inħossni qisni mċerċer taħt ħajt delli
li jiftakar fid-dar tal-Missier għani
u bejn mistħija w għażż joqgħod jitlajja.